MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Numru. 1537/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla u**
**Spettur Stephen Gatt)**

**-vs-**

**Marco Vella u**
**Janet (Wendy Janet) Agius**

Kumpilazzjoni numru 1537/2007

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

Marco Vella ta' 34 sena, bin Carmel u Antonia nee' Darmanin, imwieled Pieta' fit-2 ta' Jannar, 1973, u li

joqghod fil-fond numru 173, Flat Numru 2, Triq Rodolfo, Sliema u detentur ta’ karta ta’ l-identita b’numru 62773M.

U

Janet (Wendy Janet) Agius ta’ 32 sena, bint Paul u l-mejta Giovanna nee’ Piscopo, imwielda Pieta’ fl-14 ta’ Jannar, 1975 u li toqghod fil-fond numru 173, flat Numru 2, Triq Rodolfo, Sliema, u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ b’numru 146875M.

Akkuzati talli fis-17 ta’ Dicembru, 2007 u fil-granet ta’ qabel, f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

1. mexxew biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta’ valuta EURO, meta kienu jafu li kienu falsifikati;
2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza leggitima jew ragonevoli xtraw jew ircevew minghand xi persuna, kif ukoll kellhom fil-pussess taghhom, biljetti tal-flus ta’ valuta EURO falsifikati, meta kienu jafu li l-istess huma falsifikati;
3. u aktar talli, bejn Ottubru, 2007 u Dicembru, 2007, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ghamlu qliegh b’qerq ta’ inqas minn LM100, billi uzaw diversi biljetti tal-flus ta’ valuta EURO falisifikati ghad-dannu ta’ diversi stabilimenti kummercjali;
4. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkustanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu biex imexxuhom jew ibieghhom.

U b’hekk, l-imputata Janet (Wendy Janet) Agius saret recidiva a termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Biss, il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex, jekk filwaqt tal-procedimenti kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, u ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta' Malta, u ghandha, jekk hu skond ma jista' jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-blijetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Atikolu 49A (3) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat liz-zewg imputati biex jigu gudikati minn din l-Qorti kif mahsub taht l-artikoli 18, 49, 50, 309, 310 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taht l-artikoli 45 u 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tghathom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom

Rat l-artikoli 18, 49, 50, 309, 310 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta u l-artikoli 45 u 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti processwali.

Sem`ghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati, il-fatt li l-imputati irrifondew lill-parte leza d-danni minnhom sofferti, u l-fedina penali taghhom li ghalkemm mhux wahda netta mhiex allarmanti zzejjed.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 309, 310 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta u l-artikoli 45 u 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta’l-imputazzjonijet migjuba kontra taghhom u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggi lil Marco Vella taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ sena u tpoggi lill Janet Agius taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ sentejn, taht il-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni ta’ *probation* mghoti kontestwalment inkluz li kull wiehed mill-imputati jhallas is-somma ta’ mija u tlett Euro u tlieta u sebghin centezmu (Euro 103.73) rapprezentanti spejjez relatati mal-hatra ta’l-esperti.

Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car r-responsabbilta taghhom u x’jigri jekk huma jikkommettu reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodi fuq imsemmija u jekk ma jsegwux l-ordnijiet lilhom mghotija.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hatja.

In oltre l-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tal-flus foloz esebieti bhala Dokumenti IJA1, IJA4, IJA6 u IJA7 u dan a karigu tar-Registratur ta’ din il-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------